PLURIBUS PARENS

Minuti tal-ħmistax il-laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali Il-Gudja li ġiet imsejjħa fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Gudja nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2013 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**Aġenda:-**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. Minuti 13/7 (04 ta' Novembru 2013)
   b. Minuti 14/7 (08 ta' Novembru 2013

2. Aġġudikazzjoni ta' tenders:-
   a. GLC/tender04/13 – Cleaning and attendance of public convenience
   b. GLC/tender05/13 – Collection of Bulky Refuse
   c. GLC/tender06/13 – Street sweeping and cleaning of urban roads

3. Għeluq u Aġġornament tal-laqgħa.

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti**

**a. Minuti 13/7 (04 ta' Novembru 2013)**

**b. Minuti 14/7 (08 ta' Novembru 2013**

1.1 Il-minuti tal-laqgħa nru 13/7 li saret fl-04 ta' Novembru 2013 kif ukoll il-minuti tal-laqgħa nru 14/7 li saret fit-08 ta' Novembru 2013, li ġew ċirkulati qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-minuti 13/7 u l-minuti 14/7 ġew approvati nem con.

**2.0 Aġġudikazzjoni ta' tenders**

2.1.0 GLC/tender04/13 – Cleaning and attendance of public convenience

2.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat li kien irċieva dawn l-offerti:-

1. Gaetano Galea, Safi
2. Emidius Camilleri, Siġġiewi
3. Elton John Zammit, Kalkara
4. Mary Curmi, Kirkop
5. Marika Vassallo, Luqa
6. Brian Borg, Żurrieq
7. Anthony Camilleri, Żebbuġ
8. Saviour Mifsud, Żebbuġ
9. Sandro Caruana, San Ġwann
10. Joseph Attard, Żebbuġ

11. Carmelo Bellia, Gudja

2.1.2 Id-dokumenti dwar dawn it-tneders qed jinżammu fir-records tal-Kunsill. L-ammonti rispettivi tal-prezz tat-tenders jinsabu ma' dawn il-minuti.

2.1.3 Saret deliberazzjoni dwar kull offerta u l-Kunsill għażel l-offerta ta' Emidius Camilleri u bħala runner up ġie Brian Borg.

2.1.4 Il-Kunsill qabel illi jinħatar sotto kumitat magħmul mis-Sindku John-Mary Calleja k/a Mario, il-Viċi-Sindku s-Sur Romeo Baldacchino u s-Segretarju Eżekuttiv Is-Sur Joseph M. Formosa.

L-għan ta' dan is-sotto kumitat huwa li jifli sewwa li kull offerent li jiġi magħżul ikun f'pożizzjoni li jissodisfa sewwa l-obligazzjonijiet li jkun daħal għalihom dwar dak li jkun meħtieġ dwar ix-xogħol meħtieġ u li juri biċ-ċar li għandu r-riżorsi meħtieġa sabiex iwettaq sewwa x-xogħol meħtieġ mill-Kunsill favur il-komunita u r-residenti tal-Gudja.

2.1.5 Dan is-sotto kumitat qabel illi jsejjaħ lil Emidius Camilleri għal intervista nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013 fl-4.00pm.

2.1.6 Jekk fil-fehma ta' dan is-sotto kumitat jidirlu li l-kuntrattur ikun kapaċi li jaqdi d-doveri tiegħu, il-Kunsill jipproċedi li jiffirma l-kuntratt mal-kuntrattur magħżul. Iżda jekk fil-fehma a' dan is-sotto kumitat ma jkunx jista jagħmel dak meħtieġ mill-Kunsill, allura dan l-istess sotto kumitat jerġa jdur fuq ir-runner uup u jagħmel l-istess intervista lir-runner up sabiex jiġi żgurat illi dan ikun f'pożizzjoni li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Kunsill dwar ix-xogħol meħtieġ.

2.1.7 Il-Kunsill qabel ukoll illi jekk l-ewwel kuntrattur ma jkunx jistax jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Kunsill, il-Kunsill jipproċedi billi iġġedded l-kuntrattur eżistenti b'xahar u li dan jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2013 u għalhekk l-kuntrat il-ġdid mal-kuntrattur magħżul jibda fis-seħħ fl-01 ta' Jannar 2014.

2.2.0 GLC/tender05/13 – Collection of Bulky Refuse

2.2.1 Il-Kunsill ġie infurmat li rċieva dawn l-offerti:-
1. Joseph Attard
2. Michael Angelo Zammit
3. Charles Sant
4. DDE Attard Ltd
5. Elton John Zammit
6. Emmanuel Mizzi
7. Gaetano Galea

2.2.2 Saret deliberazzjoni dwar kull offerta u l-Kunsill għażel l-offerta ta' Elton John Zammit u bħala r-runner up jiġi Joseph Attard.

2.2.3 Il-Kunsill qabel ukoll illi anek dwar l-għażal finali jimxi skond il-proċedura kif indikata aktar il-fuq f'dawn l-istess minuti.

2.3.0 GLC/tender06/13 – Street sweeping and cleaning of urban roads

2.3.1 Il-Kunsill ġie infurmat li rċieva dawn l-offerti:-
1. Elton John Zammit
2. WM Environmental Ltd

3. Mario Borg
4. Christopher Bezzina
5. Northern Cleaning Group Ltd
6. Saviour Mifsud
7. V & A Services
8. Gaetano Galea
9. Sandro Caruana
10. Joseph Attard

2.3.2 Saret deliberazzjoni dwar kull offerta u l-Kunsill għażel l-offerta ta' Mario Borg u bħala r-runner up jiġi WM Environmental Ltd.

2.2.3 Il-Kunsill qabel ukoll illi anek dwar l-għażal finali jimxi skond il-proċedura kif indikata aktar il-fuq f'dawn l-istess minuti.

## 3.0 Għeluq u Aġġornament tal-laqgħa

3.1 Rapport dwar rimi ta' skart mill-vettura 432. Is-Sur Baldacchino qal li kienu waslu rapport għand il-Kunsill li minn din il-vettura kienu qed jaslu diversi rapporti li qed jintrema skart f'diversi skips li mhux skart domestiku u li dan l-iskart kien qed ifawwar u jħammeġ dawn l-iskips. Għalhekk sar rapport fl-Għassa taż-Żejtun sabiex dan l-abbuż jiġi mwaqqaf darba għal dejjem.

Is-Sindku ikkonferma illi huwa kien diġa ġie infurmat dwar dan u lest li jitla jixhed meta l-Pulizija tressaq lil xi persuna jew persuni dwar l-abbuż u ksur tal-liġi.

3.2 Qlugħ ta' siġar tal-ficus li qed jagħmlu ħsara. Is-Sur Baldacchino qal li l-ELC għamlu stima:-

a. 'Pruning, Removal and stump-grinding of 4 medium sized Ficus trees at Gnien Raymond Caruana (4 men x 1 day) ...Charge EUR 460.00 plus VAT'

b. 'Pruning, Removal and stump-grinding of 2 Large Fices trees at Tarxien Road (4 men x 1 day)......Charge EUR 460.00 plus VAT'

Il-Kunsill qabel li jaċċetta din l-istima u li joħroġ works order sabiex l-ELC jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

3.3 Siġra tal-awrekarja fi Ġnien R. Caruana. Il-Kunsill qabel li tinxtara din is-siġra sabiex titpoġġa fi Ġnien R. Caruana qrib il-latrina.

3.4 Qagħda ħażina fit-traffiku u ipparkjar f'diversi partijiet ġewwa il-Gudja. Il-Kunsillier Caruana qal illi qed isiru diversi ilmenti dar dan u li l-Kunsill għandu jieħu azzjoni. Il-Kunsill qabel li jitlob lis-Superjur u Superjura tal-Mużew sabiex jinfurmawna dwar il-ħin u l-ġranet tal-Mużew sabiex jiġu ordnati tabelli u sinjali meħtieġa li jilimitaw t-traffiku waqt il-ħin tal-Mużew.

Wara li jitwaħħlu dawn it-tabelli jiġi mitlub s-servizz tal-wardens bla ħlas sabiex tiġi osservata l-ordni u l-inħawi jkunu mħarsa aħjar.

3.5 Vjal it-Torri – Skola St. Joan Antide. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob servizz ta' wardens bla ħlas kemm filgħodu meta t-tfal ikunu deħlin l-iskola kif ukoll wara Nofsinhar meta t-tfal ikunu ħerġin mill-iskola.

3.6 Dawret il-Gudja – l-inħawi fejn hemm l-ATM tal-HSBC. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob servizz ta' warden bla ħlas f'dawn l-inħawi peress li qed ikun hemm problemi minħabba l-mod kif jieqfu u qed jitħallew ċertu vetturi.

3.7 Wesgħet Anġlu Dalli. Il-Kunsill qebel li jinxtraw bankijiet xierqa għal din il-Wesgħa li ġiet riġenerata. Is-Sur Baldacchino qal li dawn jistgħu jiġu mħalsa mill-premju fondi li rċieva mingħand il-GreenPak.

3.8 Tabella – Wesgħet Anglu Dalli. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi rranġata in-notice board għaliex fil-preżent għandha dehra ħażina.

3.9 Ittra – Soċjeta Filarmonika La Stella. Is-Segretarju Eżekuttiv qassam kopja ta' din l-ittra lil Kunsillieri kollha preżenti. Saret deliberazzjoni dwar il-kontenut ta' din l-ittra. Il-Kunsill iddeċieda li jwieġeb billi jinforma lis-Sur Clayton Zammit Segretarju tas-Socjeta Filarmonika La Stella li l-Kunsill jinsabu imħasseb li l-ħidma li saret tista' tisfaċċa iżda ma jistax jidħol f'xi konflitt li fuqu m'għandux kontrol. Bil-għan li tirrenja f'armonija, il-Kunsill ikun lest li jofri medjazzjoni jekk u meta jintalab li jagħmel dan mill-partijiet konċernati.

3.10 Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fis-7.35p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2013 fis-5.45p.m. bl-aġenda li tiġi cirulata qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-